Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)
Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M. Jur.

Il-Pulizija

Vs

Maria Mallan

Seduta Distrett Mosta

Illum: 21 ta' Gunju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Maria Mallan** bint Alexander Arthur Mallan u Noemi ne Zammit imwielda z-Zebbug nhar it-23-02-1995 u residneti gewwa 10, The Griffon, Triq Santa Lucija, Sqaq Nru 7, Naxxar u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0093795M.

Talli inti akkuzata li f' dawn il-gzejjer u cioe nhar it-3 ta' Mejju 2023 ghall-habta tasa-14:00hrs gewwa l-parking area tal-Pama Supermarket li jinsab fi Triq Valletta, Mosta:

1. Wara li sibt hwejjeg li kienu naqsu lil xi persuna jew li din tkun tilfet, inqast li tgharraf bihom, fi zmien tlett ijiem, lill-Pulizija Ezekuttiva. Art 340 (c) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.[1]

Rat tal-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

[1] Folio 1 tal-process.

Semghet is-sottomissjinijiet finali tal-partijiet waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2024[2].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan hu kaz fejn allagatament l-imputata sabet kartiera bi flus fit-03 ta' Mejju 2023 fl-inhawi ta' Pama Supermarket u hija ma irritornatux lill-puluzija ezekuttiva fi zmien tlett ijiem hekk kif rikjest bil-ligi.  Dan il-kartiera kien jappartjeni lil Zlatko Trajkovski.

L-imputata tichad l-akkuzi u hija tishaq li hija irritornat il-kartiera immedjatament pero' ma ndunatx li kellu l-flus go fiha u li dawn kienu waqghulha gol-basket minghajr ma hija tat kaz.

**Provi**

Xehed **PC 2384 C. Penza** qal li fil-5 ta' Mejju 2023 mar jirraporta Zlatko Trajkovski l-ghassa tan-Naxxar fejn qal li fit-3 ta' Mejju 2023 cemplulu biex jigbor il-kartiera li kienet ghada kemm giet irritornata. Jghid ukoll li Zlatko kien qallu li kien hemm xi flus fil-kartiera.  PS 217 u PC 2384 kienu kellmu lil Maria mallan xi tlett darbiet u fit-13 ta' Mejju 2024 kienet qaltilhomn li sabet xi flus fil-basket taghha fuq ix-xoghol. Jghid li l-vittma kellu madwar mitejn u ghoxrin (€220) sa mitejn u hamsin Ewro (€250) fil-kartiera.

Fl-14 ta' Mejju 2024 giet mitkellma Mallan gewwa l-ghassa tal-Mosta u giet imwissija skond il-ligi. Qalet li hija telqet mix-xoghol il-Pama u x'hin kienet mixja rat kartiera taht mejda fejn il-Burger King.  Bdiet tfittex ta' min hi pero' ma rat il-hadd.  Gabret il-kartiera tefghetha fil-basket u telqet l-ghassa tan-Naxxar biha. Dwar il-flus tghid li wara xi jumejn qabdet il-basket tax-xoghol u ndunat li kien hemm xi flus u ma kinitx taf jekk hux taghha jew le. Tefghethom fil-kexxun u meta kellmuha l-pulizija qaltilhom bihom. Hija dak il-hin ghaddiet mitejn u

[2] Folio  25 u 26 tal-process.

erbatax-il Ewro (€214) lill-pulizija. Zlatko gie mghoddi mitejn u erbatax-il Ewro (€214) nhar l-14 ta' Mejju 2024[3].

Xehed **PS 217 I. Mizzi** li spjega r-rwol tieghu fl-investigazzjoni. Jghid li meta kellem lil Mallan u staqsiha b'mod specifiku jekk fil-kartiera kienx hemm flus hija qalet li le. Ikkonfermat li l-kartiera sabitha quddiem il-Burger King, Pama.[4] Jghid li hu kellem lil Mallan xi 3 darbiet ghax dak li kienet qed tghid ma kienx qed jaqbel mal-kronologija tal-affarijiet u mal-kameras li raw il-pulizija. Wara stqarret mieghu li l-flus tal-kartiera kienu ghandha u li kienu gol-basket tax-xoghol.

Meta giet mitkellma fl-14 ta' Mejju 2024 Mallan qalet li sabet il-kartiera pero' ma indunatx li l-flus li kellha fil-basket ma kienux taghha u ghalhekk tefghethom fil-kexxun. Hi irritornathom meta gharrfuha li l-flus kienu tal-kwerelant. Fil-fatt f'dak il-jum stess il-flus gew irritornati lill-vittma fl-ammont ta' Ewro 214.[5]

**PC 602 N. Tabone** xehed permezz ta' affidavit fejn jirrakkonta r-rwol tieghu fl-investigazzjoni.[6] Jghid li kien hu li ha l-verzjoni ta' Zlatko u li qallu li meta ha lura l-kartiera induna li kellu madwar tlett mitt Ewro (€300) neqsin.

**Zlatko Trajkovski** xehed bil-lingwa Ingliza fl-1 ta' Marzu 2024. Spjega li huwa mar il-Pama ma' martu u bintu imma ma jiftakarx x'kienet id-data dakinhar li tilef il-kartiera. Spjega li mar Burger King, ha xi haga x'jixrob u x'hin mar lura fil-karozza nduna li ma setax isib il-kartiera. Huwa ghamel rapport l-Ghassa tan-Naxxar. Ftit sighat wara cemplulu lura li xi hadd kien ha l-kartiera l-Ghassa. X'hin gabar il-kartiera huwa qal lill-pulizija li fiha kellu madwar mitejn Ewro (€200) u li dawn ma kinux hemm. Xi xahrejn wara huwa mar l-Ghassa tal-Mosta u minn hemm gabar mitejn Ewro (€200).

[3] Folio 9 tal-process.
[4] Folio 10 tal-process.
[5] Folio 12 tal-process.
[6] Folio 13 tal-process.

Kontro-ezaminat huwa ma setax jiftakar ix-xahar meta tilef il-kartiera. Jghid li huwa kellu bejn mitejn u tmenin Ewro (€280) u tlett mitt Ewro (€300) fil-kartiera u li l-ewwel sab biss ftit muniti u hames Ewro (€5). Hu ikkonferma li huwa gabar il-kartiera dakinhar stress illi tilifha u li meta huwa zgur li meta l-Pulizija tawh lura l-flus, tawh inqas milli kellu fil-kartiera.[7]

**Ikkunsidrat:**

L-artikolu relevanti ghal din il-vertenza huwa l-Artiklu 340 (ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

"meta jsib ħwejjeġ li jkunu naqsu lil xi persuna jew li din tkun tilfet, ma jgħarrafx bihom, fi żmien tlitt ijiem, lill-Pulizija Eżekuttiva"[8]

**Ikkunsidrat:**

Id-difiza tikkontendi li l-imputata ghandha tigi liberata minhabba s-segewenti:

1. L-akkuza ma tinkwadrax fic-citazzjoni ghax hemm imsemmi li l-lok huwa il-parking Area tal-Pama Supermarket meta l-kartiera instab hdejn il-Burger King.
2. Tattakk l-ircevuti li inghataw jew li ma inghatawx lil Zlatko.
3. Tattakka ukoll l-ammont.

**Ikkunsidrat:**

Bid-dovut rispett lejn id-difensur tal-imputata l-kwistjoni kollha mhux kemm kellha fiha bhala ammont il-kartiera u lanqas dwar jekk inghatatx ircevuta mill-vittma li rcieva l-kartiera izda il-fatt li kellha tipprova l-prosekuzzjoni hu jekk il-kartiera bil-flus go fiha gewx

[7] Folio 21 tal-process.
[8] L-akkuza hija kontravenzjonali.

moghtija lill-pulizija fit-3 ta' Mejju 2024 u fi zmien tlett ijiem minn meta nstabet u dan kif titlob il-ligi.

Barra minn hekk hu ben maghruf x' inhuma il-parametri tal-*avvizo di comparire*. Il-fatt li l-avviz tenfasizza il-parking area tal-Pama u il-kartiera ittiehed mill-Burger King tal-Pama huwa irrilevanti ghall-vertenza. *Il-lok huwa l-istess u l-avviz jitkellem fuq ' f' dawn il-Gzejjer*. Barra mill-fatt li l-Burger King u l-parking area tal-Pama jinsabu hdejn xulxin, tant li wiehed jidhol mill-istess entratur ghat-tnejn u johrog mill-istess hrug.[9]

**Ikkunsidrat:**

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta b'mod car li l-kartiera bil-flus fiha intilfu mill-kwerelant fit-3 ta' Mejju 2023 fl-inhawi tal-Burger King PAMA u Mallan dak in-nhar stess hadet il-kartiera li u immedjatament il-pulizija tan-Naxxar ghaddewha lill-vittma Zlatko.

Il-Qorti MA TEMMINX lil Mallan li ma kinitx taf li l-kartiera kien fiha il-flus. Hi stess tammetti li ppruvat iddur biex issib ta' min kienet u l-flus li fl-ahhar mill-ahhar raddet lura lil kwerelanti kienu 'l fuq minn mitejn Ewro (Ewro 200) li mhux ammont zghir meta wiehed iqis li jinsab f'kartiera. Dawn il-flus imma gew irritornata WARA li ghaddew tlett ijiem u allura mhux kredibbli meta tghid li kienet sabithom fil-basket taghha u poggiethom fil-kexxun ghax hasbet li huma taghha ghax kif inghad l-ammont mhux zghir, dawn mhux xi ghaxar jew ghoxrin Ewro li wiehed jinsa jew ihalli jigri 'l hemm u 'l hawn. Il-Qorti temmen li hija waqghet fit-tentazzjoni u zammet il-flus ghaliha u irritornat BISS il-kartiera kwazi vojta hlief ghal xi hames Ewro (€5) u ftit muniti.

**Konsegwentament il-Qorti tqis li l-akkuza tirrizulta ippruvata.**

[9] Ara per ezempju **Il-Pulizija vs Mauro Zammit** (App. Nru. 5192/2022) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Neville Camilleri fis- 7 ta' Marzu 2023 u **Il-Pulizija vs John Borg** (App. Nru. 102/2023) deciz Mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Natasha Galea Sciberras fil- 15 ta' Mejju 2024.

**Ikkunsidrat:**

Ghal dak li jirrigwarda piena il-Qorti hadet nota li l-imputata mill-ewwel hadet azzjoni biex tirritorna il-kartiera u li wara l-flus gew irritornati kwazi kollha lura.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, wara li rat l-artikolu 340 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda issib lill-imputata **MARIA MALLAN HATJA** tal-akkuza migjuba kontra taghha u qed tikkundannaha ammenda ta' hamsin Ewro (€50).

Dottor Monica Vella LL.D, M. Jur
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur